MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 30/2010

**Josette Scerri**

**vs**

**Ministru ta` l-Edukazzjoni, Xoghol u l-Familja**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fis-17 ta' Awwissu 2010 il-Kunsill dwar il-Professjoni tal- Ghalliema f'Malta ppronunzja s-segwenti b'decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"The council for the teaching profession would like to inform you that your case has been concluded.*

*In view of the above your permanent teacher's warrant is being cancelled and you are barred from assuming any teaching responsibilities according to the Education Act article 31 of Chapter 327 of the laws of Malta.*

*You may wish to avail yourself of the right to appeal as per article 32 of the Education Act."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Josette Scerri (detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru (359866 M) datat 3 ta' Settembru 2010 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Jannar 2011.

Rat ir-risposta tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xoghol u l-Familja datata 28 ta' Ottubru 2010 a fol 15 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tal-Kunsill dwar il-professjoni tal-ghalliema f'Malta hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta' Mejju 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Joseph Bonello ghall-Ministeru tal-Edukazzjoni u Dr. Mark Simiana ghall-appellanta li rtira l-ewwel aggravju *in vista* tad-dokument esebit fil-mori. Dr. Simiana ddikjara li hu gie notifikat biss bid-Dok "A" a fol 8 tal-process pero` d-decizjoni hi dik li tinsab bhala Dok "B" a fol 11 tal-process. Min-naha l-ohra Dr. Joseph Bonello irritjena li d-decizjoni hija dik li tinsab a fol 21 tal-process. Dr. Bonello ma kienx f'posizzjoni li jiddikjara jekk tali decizjoni li hu irrefera ghaliha bhala tali gietx notifikata lill-appellanti. Dr. Simiana ddikjara li dik li Dr. Bonello irrefera ghaliha bhala decizjoni qatt ma giet notifikata biha l-klijenta tieghu u ratha biss fl-atti, u hu gie a konoxxenza taghha biss ghax giet prezentata fl-atti ta' dan l-appell, u rceviha hu mar-risposta. Dr. Simiana issolleva li d-decizjoni hi nulla peress li l-istess decizjoni li ghamel referenza ghaliha Dr. Bonello qatt ma giet notifikata lill-appellanta. Dr. Bonello ddikjara li tali decizjoni giet notifikata lill-avukat tal-appellanta mar-risposta ta' dan l-appell. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-17 ta' Novembru 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta fl-ismijiet premessi datata 17 ta' Awwissu 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellanti huma li (a) li d-decizjoni hija nulla u bla effett ghaliex ma ittiehditx mill-Ministru kif trid il-Ligi izda mill-Kunsill dwar il-Professjoni ta' l-Ghalliema, u dan kif jirrizulta mill-korrispondenza datata 17 ta' Awwissu 2010 (Dok. "B" – fol. 11); (b) li d-decizjoni hija nulla ghaliex ma hijiex motivata; (c) il-proceduri kienu lezivi tad-dritt tal-appellant ghal smigh xieraq u dan ghaliex hija ma kellha ebda mezz sabiex tikkontrolla xi xhieda jew provi ohrajn prodotti, u wisq inqas giet informata bis-sustanza ta' dawn ix-xhieda; (d) is-sanzjoni mposta ta' telf ta' *warrant* hija eccessiva tenut kont tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-appellanti.

Illi din il-Qorti rat l-atti kollha tal-process li fl-ahhar wassal sabiex tittiehed id-decizjoni ffirmata minn Margaret Ellul (Assistent Director of Education) Secretary to Council datata 17 ta' Awissu 2010 fuq *letterhead* tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta u ndirizzata lil-appellanti fejn inghad li:-

*"The council for the teaching profession would like to inform you that your case has been concluded.*

*In view of the above your permanent teacher's warrant is being cancelled and you are barred from assuming any teaching responsibilities according to the Education Act article 31 of Chapter 327 of the laws of Malta.*
*You may wish to avail yourself of the right to appeal as per article 32 of the Education Act."*

Illi jidher car li din hija decizjoni tal-imsemmi Kunsill u ma hijiex decizjoni tal-Ministru skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 tal-Kap. 327,** li jirreferi specifikatament ghall-*"decizjoni tal-Ministru, li jkun iddecieda skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill…..",* u ghalhekk jirrizulta car u bla ebda ombra ta' dubju li tali decizjoni hija nulla u bla effett ghaliex ma ttiehditx mill-Ministru u ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh.

Illi it-tieni aggravju huwa fis-sens li d-decizjoni msemmija hija nulla u bla effett ghaliex ma hijiex motivata. F'dan il-kuntest issir riferenza ghal dak li inghad fis-sentenza **"Natalia Aquliana vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (RCP) – 17 ta' Mejju 2011) u fis-sentenza **"Maltacom plc vs Awtorita' ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Gunju 2008) fejn gie ribadit li huwa necessarju li decizjoni jkun fiha r-ragunament ghaliex min iddecieda jkun wasal ghal tali decizjoni u din ma hijiex kwistjoni semplici li l-gudikant jew Tribunal jew kull organu iehor li huwa skond il-Ligi msejjah sabiex jaghti decizjoni naqas li jaghti risposta dettaljata ghal kull argument (**"Van de Hurk vs The Netherlands" –** Q.E, - 19 ta' April 2004) izda li effettivament l-istess decizjoni hija bla motivazzjoni ghax naqset li tittratta u tiddeciedi dwar dak lilu sottomess.

Illi fil-fatt fl-istess sentenza nghad li din id-decizjoni qed tittiehed fis-sens li huwa guridikament pacifiku li decizjoni ta' tribunal amministrattiv ghandha tkun motivata sufficjentement, mhux biss ghax hekk tirrikjedi t-trasparenza, izda wkoll biex il-parti li titlef tinghata sodisfazzjon sufficjenti ghaliex it-tribunal in kwistjoni jkun wasal ghad-decizjoni tieghu, u biex jekk ma taqbilx mad-decizjoni tieghu tista' tappella minnha fit-termini tal-ligi **("Victor Debrincat vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" –** A.C. – 16 ta' Dicembru 2003).

Illi dan ma jfissirx li decizjoni ghandha tindirizza kull lamentela li tkun tressqet quddiemu, izda ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz l-Onorevoli Ministru ghandu jew ghandha d-dmir u l-obbligu li jiddeciedi kwistjonijiet li tressqu quddiemu jew gew rakkomandati lilu kif indikat fid-

disposizzjonijiet relattivi tal-**Kap. 327**, kemm dawk legali u dawk fattwali b'mod li d-decizjoni finali skond l-Istess **Att Dwar l-Edukazzjoni** jittratta dak li huwa rilevanti biex il-kaz jigi gustament deciz **("Avukat Pio Valletta vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.C. – 28 ta' Gunju 2002). F'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li sabiex isir dan, l-istess organu jew Awtorita, gudizzjarja jew kwazi gudizzjarji jew amministrattivi ghandhom jikkonsidraw u jittrattaw il-mertu tal-kwistjoni quddiemu u f'dan kemm fil-kuntest tat-talba u l-opposizzjoni li ssir kontra l-istess talba, b'dan li fil-kuntest odjern l-aggravji u s-sottomissjonijiet ta' natura legali u fattwali mressqa mill-partijiet kellhom mhux biss jigu elenkati izda determinati u b'hekk biss jista' jinghad li decizjoni f'dan il-kuntest tkun verament motivata **("Dr. Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni"** – A.C. – 4 ta' Marzu 2002; **"Agricultural Co-operative Limited vs Peter Axisa"** – A.I.C. (PS) – 28 ta' April 2004). Dan ghalhekk ifisser li ghalkemm ma huwiex mehtieg li jkun hemm xi motivazzjoni dettaljata u fil-fond, pero' minn naha l-ohra ma jfissirx li l-mertu tal-vertenza ghandu jigi njorat u anke sorvolat b'deliberazzjonijiet leggeri skarsi minn motivazzjoni sobrija u injorar ta' konsiderandi fil-provi attenti jew tal-principji legali proposti **("Albert Degiorgio vs Loris Bianchi et"** – A.I.C. (PS) – 23 ta' Jannar 2004).

Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza **"Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010) fis-sens li:-

*"…..il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborate, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi ndividwata r-raguni li titqieghed ghab-bazi tad-decizjoni. Ara ed ezempju d-decizjoni fl-ismijiet **"Joseph Mercieca vs Water Services Corporation"** Appell Inferjuri, 27 ta' Frar 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa ricentement hafna, abbracjata mill-Qorti tal-Appell kollegjali in re: **Frank P. Borg. Limited vs Joseph Camilleri",** 28 ta' Mejju 2010".*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **“Charles Schembri vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. (PS) – 30 ta’ Jannar 2009) fis-sens li:-

*“fl-adempjiment ta’ l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew punti kollha ta’ dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qed jiffonda d-decizjoni tieghu”.*

Illi fis-sentenza **“Kruger Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud”** (A.I.C. (PS) – 13 ta’ Lulju 2001) inghad li huwa principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-mertu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. *“Dan mhux biss biex tigi assikurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista’ tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzjonijiet ghalihom”.*

Illi hekk fid-decizjoni **“Michael Gatt vs l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (A.C. – 19 ta’ Novembru 2001) inghad li biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b’motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b’zewg kelmiet. Illi dan il-principju jissarraf li l-organu li ghandu jiddeciedi huwa obbligat li mhux biss jikkonsidra l-punti sottomessi ghad-decizjoni tieghu, izda li jinvestigahom u jaghti decizjoni taghhom, u mhux jisfjorahom jew jinjorahom, ghaliex altrimenti dan fih innifsu jikkawza ngustizzja ghall-istess partijiet li ghandhom ikollhom sodisfazzjon ghas-sottomissjonijiet taghhom u decizjoni dwar l-istess, u fin-nuqqas ta’ l-istess, l-istess decizjoni tkun nulla ghaliex tippekka mill-elementi ta’ smigh xieraq li jinkludi li d-decizjoni tkun motivata u b’hekk tkun trattat il-mertu tal-kaz quddiemha **(“Marie Louis Farrugia nomine vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** – A.I.C. (RCP) – 30 ta’ Novembru 2006; **“Philip Micallef vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar” -** – A.I.C. (RCP) – 26 ta’ April 2007; **“Dr. Graham Busuttil vs**

**l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) – 28 ta' April 2008; **"Victor Borg vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** – A.I.C. (RCP) – 31 ta' Mejju 2007).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li d-decizjoni lamentata tas-17 ta' Awwissu 2010 lanqas minimiment ma tibda' sabiex taghti motivazzjoni ghaliex waslet ghal tali decizjoni li tikkancella l-*warrant* tal-appellanti bhala ghalliema. Anzi hija nieqsa minn kull motivazzjoni kwalunkwe. Sfortunatament ghall-kaz serju bhal dan, ma tista' tinghad l-ebda kelma posittiva dwar il-mod li bih ittiehdet din id-decizjoni, u dan ghaliex jidher li r-regolamenti legali gew injorati wahda wahda mill-Awtoritajiet kompetenti. F'dan il-kuntest gja saret riferenza ghall-ewwel aggravju; izda mhux biss, izda fit-trattazzjoni ta' dan it-tieni aggravju, jidher li l-istess decizjoni tas-17 ta' Awwissu 2010 tghid li l-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta qed jinforma lill-appellanti odjerna li l-kaz taghha kien konkluz, u dan meta l-Ligi tesigi li l-Ministru tiehu l-istess decizjoni fuq rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill u dan skond l-**artikolu 32 (1) tal-Kap. 327.** Mhux hekk biss, dan huwa iktar serju meta jigi kkonsidrat li l-Kunsill huwa obbligat (ghal dak li jirrigwarda l-kaz odjern) li jekk isib ghalliem hati ta' mgieba professjonali hazina, negligenza serja jew inkompetenza, *"jaghmel rapport tar-rizultanzi u jissottomettih lill-Ministru flimkien mar-rakkomdazzjonijiet tieghu ghall imposizzjoni ta' xi penali…."* li jinkludi t-thassir ta' *warrant*. Jinghad ukoll skond l-**artikolu 32 (6) tal-Kap. 327** li tali decizjoni tal-Kunsill li *inter alia* thassar warrant *"ghandha tigi notifikata bil-miktub……..lid-detentur ta' warrant…".* F'dan il-kaz ma sar xejn minn dan ghaliex ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta datati 28 ta' Ottubru 2010 u iffirmati minn Dr. Edward DeBono bhala President tal-Kunsill u indirizzati lill-Onorevoli Ministru (Dok. "ME 01" – fol. 21) qatt in verita' ma gew notifikati lill-appellanti, u dan allura jfisser li tali decizjoni llum mertu tal-appell, mhux biss harget mill-Awtorita' mhux hekk awtorizzata skond il-ligi, izda wkoll la rreferiet ghall-istess rakkomandazzjonijiet, u forsi anke iktar serju, naqset milli tinnotifika tali rakkomandazzjonijiet lill-

appellanti, u dan allura jrendi d-decizjoni tas-17 ta’ Awwissu 2010, li biha giet notifikata l-appellanti, bhala nulla u bla effett ai termini tal-Ligi ghaliex ma hijiex notifikata. B’hekk anke dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Illi t-tielet aggravju huwa fis-sens li l-appellanti ma inghatatx opportunita’ li tara x-xhieda li ingabu kontra taghha, u wisq inqas li tkun prezenti ghall-istess, li b’xi mod tikkontrolla l-istess, inkluz li taghmel kontro-ezami tal-istess. Jidher li l-partecipazzjoni taghha kienet limitata sabiex taghti l-versjoni taghha. Fil-fatt fir-rikors tal-appell l-appellanti tghid li hija giet informata biss li kellha kaz kontra taghha permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Lulju 2009, u li kienet ser issir seduta u kellha dritt li tixhed u ggib provi favur taghha, izda qatt ma giet informata li kien hemm xi provi jew xhieda ohrajn, u wisq inqas is-sustanza tal-istess xhieda. Mill-atti processwali ma jirrizultax li dan b’xi mod huwa kontestat u fil-fatt l-unika haga li hemm hija r-risposta tal-intimat li tghid li l-appellanti ma gabet l-ebda prova in difiza taghha stess, izda dan certament ma jindirizzax il-lamentela tal-appellanti, li hija fl-ebda mument ma kienet informata xi provi jew xhieda kienu gew imressqa quddiem il-Kunsill fil-kaz taghha, u dan allura jpoggieha f’posizzjoni ta’ zvantagg, ghaliex litteralment, ma setghatx lanqas tirreagixxi ghal dak li seta` gie provdut fil-konfront taghha. Dan huwa nuqqas serjissimu u ma jirrizultax mill-atti esebiti quddiem din il-Qorti, li hemm xi minuti jew dokumenti li juru x-xhieda jew provi li tressqu quddiem il-Kunsill, u fil-fatt din il-Qorti stess ma setghatx tara xi provi dawn kienu li l-Kunsill mexa fuqhom, apparti diversi dokumenti esebiti, li ma jidhirx li kienu ghad-disposizzjoni tal-appellant, jew li hija giet waqt il-proceduri a konjizzjoni taghhom. Fil-fatt ghalkemm ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tirreferi li r-rakkomandazzjoni minnu saru *“after hearing the evidence produced….”* ma jirrizultax ghal liema evidenza jew xhieda l-istess Kunsill qed jirreferi. Dan huwa nuqqas serju ghaliex bl-ebda mod ma jista’ jinghad li l-appellanti kellha smigh xieraq, u ma hemm xejn mill-atti processwali esebiti quddiem din il-Qorti li wara l-ittra datata 29 ta’ Lulju 2009, fejn informawha bl-akkuzi migjuba kontra taghha (fol. 44) u li kienet ser issir seduta fl-4 ta’ Awwissu 2009, li fiha kellha

tkun prezenti anke sabiex tressaq ix-xhieda taghha u kellha d-dritt li jkollha maghha avukat, li hija giet murija x-xhieda li tressqu fil-konfront taghha, u f'dan il-kuntest din il-Qorti tista' tghid li mill-atti esebiti quddiemha lanqas biss hemm verbal jew minuti ta' x'sar fl-istess seduta. Dan kollu jwassal sabiex din il-Qorti tilqa' wkoll dan il-gravamm fis-sens li l-appellanti ma kellhiex smigh xieraq skond il-ligi u allura kien hemm anke ksur tal-**artikolu 31 (3) tal-Kap. 327,** li jaghti lil ghalliem "kull opportunita' li jaghmel id-difiza tieghu", li ma setghax isir f'dan il-kaz ladarba l-appellanti lanqas biss kienet taf xi provi ngabu kontra taghha, u wisq inqas allura ma setghet b'xi mod tikkontrasta l-istess. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Illi tenut kont ta' dak deciz dwar l-ewwel tlett aggravji li jwasslu sabiex din il-Qorti tannulla d-decizjoni mertu ta' dan l-appell, ma hemmx bzonn li din il-Qorti tidhol fir-raba' aggravju dwar il-piena li giet moghtija lill-appellanti fl-istess decizjoni, allura hawn mhassra u revokata.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimat il-Ministru tal-Edukazzjoni, Xoghol u Familja datata 28 ta' Ottubru 2010 in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Josette Scerri fir-rikors tal-appell taghha datat 8 ta' Ottubru 2010 fis-sens hawn deciz, b'dan li din il-Qorti qed thassar u tirrevoka ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni datata 17 ta' Awwissu 2010 (Dok. "B" – fol. 11) fil-konfront tal-appellanti, u dan ghaliex tali decizjoni hija nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ghar-ragunijiet kollha ndikati f'din is-sentenza.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellat il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Xoghol u l-Familja.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------